MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1821/2001/1

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance Plc u b'nota tal-20 ta' Mejju, 2004 Elmo Insurance Limited assumiet l-atti**

**Vs**

**Martin Mizzi f'ismu stess u ghan-nom tal-kumpanija E & M Meat Products Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm100.00c (mitt lira Maltin) rapprezentanti *excess* billi vettura ta' E & M Meat Products Ltd hija assigurata mad-ditta attrici u din il-vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku u li fl-opinjoni tad-ditta assigurattrici kien id-driver tal-vettura tas-socjeta' konvenuta li kien responsabbli

ghall-incident u ghalhekk is-socjeta’ attrici hallset id-danni kkagunati.

Ra li l-konvenut pro et noe ecepixxa li qatt m’accetta responsabbilta’ ghall-hlas ta’ danni u qatt ma ta struzzjonijiet lill-assigurazzjoni biex taccetta r-responsabbilta’ ghall-incident jew li taffetwa xi pagament ghad-danni.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti nkluz l-Affidavits.

Jirrizulta li karozza ta’ E & M Meat Products Ltd kienet assigurata b’polza comprehensive. Din il-vettura kienet involuta f’incident. Is-socjeta’ konvenuta giet mitluba biex taghmel *claim* izda m’ghamlet ebda *claim*. Is-socjeta’ attrici hallset id-danni kkagunati fl-incident in kwistjoni.

Skond il-polza esebita s-socjeta’ attrici ghandha d-dritt:

“To take over and conduct in your name…..the defence or settlement of any claim.”

Illi l-fatt li s-socjeta’ konvenuta qatt m’accettat responsabbilta’ ghall-hlas ta’ danni u l-fatt li qatt m’accettat ir-responsabbilta’ ghall-incident ma jfissirx li s-socjeta’ attrici ma kellhiex id-dritt li tagixxi skond il-polza.

**Ikkunsidra**

Li skond il-Maggur Mula kienet is-socjeta’ konvenuta E & M Products Ltd li kellha l-vettura taghha assigurata mad-ditta attrici u ghalhekk hija biss din is-socjeta’ li kellha relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta’ attrici. Fil-fatt l-Ittra Ufficjali u l-ittri mibghuta mis-socjeta’ attrici huma kollha ndirizzati lis-socjeta’ E & M Meat Products Ltd.
It-talba tas-socjeta’ attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta hi gustifikata billi skond il-polza s-socjeta’ attrici kellha d-dritt li thallas ghall-incident in kwistjoni u tircievi l-*excess* minghand id-ditta konvenuta.

Illi l-konvenuti ssottomettew li s-socjeta’ attrici ma gabitx il-prova li s-socjeta’ konvenuta rcevew l-ittri fejn gew

informati bil-passi li kienet se tiehu s-socjeta' assigurattrici. Illi anki jekk wiehed jaccetta dan il-fatt jirrizulta li meta sar il-ftehim bejn is-socjeta' assigurattrici u s-socjeta' konvenuta, l-istess socjeta' konvenuta accettat li s-socjeta' attrici tkun intitolata li "take over and conduct in Your own name…..the defence or settlement of any claim."

Illi ghalhekk skond il-ftehim bejn il-partijiet is-socjeta' attrici kienet intitolata li thallas ghad-danni sofferti minn terz anki jekk is-socjeta' konvenuta qatt m'ghamlet *claim*. Illi fil-fatt l-Artikolu 5c jipprovdi li s-socjeta' attrici ghandha "full discretion in the conduct of any proceedings and in the settlement of any claim."

Ghalhekk jichad ir-Risposta tal-konvenuti u jikkundanna lis-socjeta' E & M Meat Products Ltd sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm100.00c (mitt lira Maltin). Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra Ufficjali datata 13 ta' Novembru, 2001 kontra s-socjeta' konvenuta. Il-konvenut personalment huwa liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------